**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clint Angelo Zammit**

**Kump Numru: 733/2023**

**Illum, 21 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**Clint Angelo Zammit detentur tal-karta tal-identita' 116086M**

Akkuzat talli bejn id-19 ta' April 2023 u l-20 ta' April 2023 minn gewwa l-istabbiliment 'McDonalds' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Belt Valletta:

1. Ikkommettejt serq ta' apparat elettroniku cioe' 'Playstation 5', liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centenzmu (232.94), izda ma huwiex izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Emanuel Borg u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat l-ammissjoni tal-imputat registrata fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2024[1].

Rat illi l-imputat rega' rregistra l-ammissjoni tieghu fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2024[2].

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tat-23 ta' Ottubru, 2024.

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex

[1] A folio 25 tal-process.

[2] A folio 42 tal-process.

jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-agmmissjoni tieghu ghall-akkuża migjuba kontra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor:**

Il-kaz jirrigwarda serq ta' playstation mill-imputat mill-istabbiliment Mc Donalds sitwat Triq ir-Repubblika, Valletta.

Ir-rifurtiva giet ritornata skont ir-ricevuta Dok CZ esebita a folio 45 tal-process.

L-imputat gie akkuzat b'serq aggravat bil-persuna u bil-valur li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centenzmu (232.94), izda ma huwiex izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37).

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2024 l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu. Huwa rega' irregistra l-ammissjoni tieghu fis-seduta tat-23 t'Ottubru 2024.

Illi waqt dik l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli

jirrikonsidra l-posizzjoni tieghu u tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata.

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuza tirrizulta pruvata u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li r-rifurtiva giet ritornata u li piena karcerarja f'dan il-kaz ma hiex idoneja.

In konsiderazzjoni tal-piena illi ghandha tigi erogata, il-Qorti ikkunsidrat il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu fl-ewwel stadju ta' dawn il-proceduri u c-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261, 267 u 268, 383, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat **CLINT ANGELO ZAMMIT HATI** fuq l-amissjoni inkondizzjonata tieghu stess, tal-akkuza miġjuba kontrih, u ai terminu tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Stante illi f'dawn il-proceduri ma nhatru l-ebda esperti, t-talba tal-Prosekuzzjoni taht l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti spjegat lill-hati Clint Angelo Zammit fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 21 ta' Jannar 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

***Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***
***Magistrat***

Ylenia Spiteri
Deputat Registratur